**3 ta' Lulju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Vella

*versus*

Georgina Vella *et*

**Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv – Impjegat mal-Gvern – Salarju**

*Għalkemm saru emendi fil-liġi, persuni fis-servizz ċivili baqgħu mhux soġġetti għall-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru fuq is-salarju tagħhom. Kwantu però għall-pagi li jitħallsu minn prinċipal lill-impjegat, dawn ukoll m'humiex soġġetti għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru iżda meta l-kreditur jiddikjara bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti li l-paga teċċedi mitt lira fix-xahar, il-Qorti għandha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru fuq dak l-eċċess.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrat *tal-*Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza superjuri bħala Qorti Ċivili fejn l-attur wara li ppremetta illi b'digriet ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1986, ġiet milqugħa t-talba tal-konvenuta għall-ħruġ ta' Sekwestru esekuttiv kontra l-attur (Sekwestru Numru 108/1986) tad-19 ta' Ġunju, 1986, fl-ismijiet "Georgina xebba Vella *vs* Joseph Vella", illi l-attur huwa *nurse*, għalhekk impjegat fis-servizz ċivili tal-Gvern, u skond il-liġi, ħlief f'każijiet ta' manteniment, li mhux il-każ, ma jistgħux isiru sekwestru fuq dawn il-pagi – artikolu 382(1)a tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, illi għalhekk dan is-sekwestru sar u ħareġ illegalment, illi l-konvenuta taf li l-attur huwa impjegat tal-Gvern, kif jidher fl-okkju tas-sekwestru, u illi b'digriet ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Awissu, 1986, ġiet miċħuda t-talba ta' l-attur li talab b'rikors ir-revoka tal-mandat, talab li dik il-Qorti, *in vista* tal-premess tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 108/1986 tad-19 ta' Ġunju, 1986, fl-ismijiet: "Georgina xebba Vella *vs* Joseph Vella", *stante* li l-attur hu fis-servizz ċivili tal-Gvern kif fuq intqal; – bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Georgina Vella fejn eċċepiet illi d-domanda attriċi hija totalment infondata fil-

fatt u fid-dritt billi ma hemmx lok li ssir ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv in kwistjoni li ħareġ sew u skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-*Accountant General* fejn eċċepew:

(1) Illi huwa estraneju għall-mertu tal-kwistjoni ta' bejn l-attur u l-konvenut l-oħra u, bħala sekwestratarji, huma dejjem segwew l-ordnijiet tal-Qorti li kienu *in vigore* fil-konfront tagħhom. Għaldaqstant rigward il-mertu huma jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

(2) Illi *stante* l-posizzjoni tagħhom f'din il-kawża, fi kwalunkwe każ, huma m'għandhomx ibatu spejjeż;

(3) Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-verbal tal-31 ta' Ottubru, 1986, fejn id-difensuri tal-kontendenti ddikjaraw illi jaqblu li l-attur Joseph Vella huwa impjegat tal-Gvern fid-Dipartiment tas-Saħħa bħala *nurse* u li s-salarju tiegħu jirċevih mingħand il-Gvern Ċivili;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar, 1987, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba attriċi u rrevokat il-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 108/1986 tad-19 ta' Ġunju, 1986 fl-ismijiet "Georgina xebba Vella *versus* Joseph Vella" bl-ispejjeż kollha a kariku tal-konvenuta Georgina Vella wara li kkunsidrat illi – kif irriżulta mid-deposizzjoni ta' Joseph Quintano kif ukoll mill-verbal tal-31 ta' Ottubru, 1986, l-attur Joseph Vella huwa persuna fis-servizz Ċivili tal-Gvern ta' Malta u għalhekk, kif

jiddisponi l-*artikolu 381(1)(a) tal-Kap.* 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta 1984 ma jistax jinħareġ mandat ta' Sekwestru fuq is-salarju tiegħu;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta Georgina Vella ppreżentata fid-9 ta' Marzu, 1987;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenuta ppreżentata fis-16 ta' Marzu, 1987 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talbet li tiġi rrevokata s-sentenza appellata billi l-Qorti tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur appellat Joseph Vella ppreżentata fit-30 ta' Marzu, 1987;

Rat ir-risposta ta' l-appell tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u ta' l-*Accountant General;*

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet id-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell jistgħu jiġu kkompendjati b'dan il-mod. L-attur odjern kien sokkombent fil-kawża fl-ismijiet "Georgina Vella xebba *vs* Emanuel Caruana u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 1981, ġie kjamat fil-kawża Joseph Vella" deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' April, 1986. F'dik is-sentenza

huwa kien ġie kkundannat iħallas lil Georgina Vella (il-konvenuta odjerna) is-somma ta' Lm1826.50,0, in linea ta' danni bl-imgħax legali mid-data ta' l-istess sentenza – b'riserva favur l-attriċi ta' kull azzjoni futura kif ingħad fl-istess sentenza – kif ukoll tliet kwarti ta' l-ispejjeż taż-żewġ istanzi tal-kawża. In segwitu għal din id-deċiżjoni l-istess Georgina Vella kienet ottjeniet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru għal dak dovut lilha skond l-istess sentenza kontra l-attur odjern f'idejn it-Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-*Accountant General*. In segwitu għall-ħruġ ta' dan il-mandat, l-attur odjern għamel il-kawża preżenti fejn talab ir-revoka ta' l-imsemmi mandat. Fil-waqt li t-Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-*Accountant General* irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti, Georgina Vella opponiet it-talba iżda l-ewwel Qorti laqgħet l-istess talba. Il-konvenuta odjerna issa qiegħda tappella u qiegħda tissottometti li l-mandat sar b'mod ġenerali u bl-emenda magħmula bl-Att XXI ta' l-1969 fl-artikolu 382 il-leġislatur ma impona l-ebda eċċezzjoni għall-aċċess fuq il-mitt lira Maltija meta l-paga tkun ta' impjegat Governattiv;

Ikkunsidrat:

Id-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-kwistjoni quddiem il-Qorti huma l-artikoli 381(1)(a) u 382(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

L-artikolu 381(1)(a) jiddisponi li "ma jistax jinħarġu mandati ta' sekwestru – (a) fuq is-salarji tal-persuni li huma fis-servizz ċivili jew militari tal-Gvern ta' Malta....." L-artikolu 382(1) jiddisponi li "ma jistax ukoll jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq pagi li jitħallsu minn prinċipal lill-impjegat; iżda meta l-kreditur jiddikjara bil-ġurament quddiem ir-reġistratur tal-Qorti li dik il-paga teċċedi mitt lira fix-xahar, il-Qorti għandha

tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq dak l-eċċess.....";

L-artikolu 381(1)(a) kien jeżisti bħala l-artikolu 382(1)(a) meta ġiet ippubblikata l-Edizzjoni Riveduta fl-1942 u għadu llum jeżisti, bħal ma kien, fl-Edizzjoni Riveduta ta' l-1984. L-imsemmi artikolu 382(1) ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-1942 kien jinkludi inċiż ieħor – l-inċiż (d) li kien jestendi l-projbizzjoni tal-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru – "(d) fuq ħlas jew salarji ta' lavranti, ħaddiema u sefturi". Kif jidher minn eżami ta' l-Att XXI ta' l-1969, artikolu 17, dan l-inċiż ġie kkanċellat u ġie introdott bħala artikolu ġdid l-artikolu 382A, (illum l-artikolu 382 tal-Kap. 12 Edizzjoni Riveduta 1984). Jidher għalhekk li l-artikolu 382 tal-lum kien ġie introdott mil-leġislatur fl-1969 in sostituzzjoni għall-inċiż (d) fuq imsemmi;

Issa kif kienet il-liġi qabel l-imsemmija emenda, il-liġi fl-istess artikolu, allura artikolu 382(1) kienet tagħmel distinzjoni bejn mandati ta' sekwestru fuq is-salarji ta' persuni fis-servizz ċivili u mandati ta' sekwestru fuq ħlas jew salarji ta' lavranti, ħaddiema, u sefturi; iżda fiż-żewġ każijiet il-mandat ta' sekwestru ma kienx jista' jinħareġ. Illum kif inhi l-liġi, billi d-disposizzjoni tal-liġi rigwardanti persuni fis-servizz ċivili ma tbiddlitx bl-ebda mod, l-istess huma baqgħu mhux soġġetti għall-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru fuq is-salarju tagħhom. Kwantu però għall-pagi li jitħallsu minn prinċipal lill-impjegat, dawn ukoll m'humiex soġġetti għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru iżda meta l-kreditur jiddikjara bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti li l-paga teċċedi mitt lira fix-xahar, il-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq dan l-eċċess;

Kif taraha l-Qorti, hemm illum fil-liġi (kif qabel ukoll kien hemm) disposizzjoni speċjali li tirregola l-ħruġ ta' mandati ta'

sekwestru fuq il-pagi ta' persuni fis-servizz ċivili jew militari tal-Gvern ta' Malta. Hemm ukoll disposizzjoni ġenerali li tirregola l-eżenzjoni minn mandat ta' sekwestru l-pagi mħallsa minn prinċipal lill-impjegat. Kieku l-leġislatur ried li l-mandati ta' sekwestru fuq il-pagi ta' persuni fis-servizz ċivili jew militari tal-Gvern ta' Malta jiġu rregolati bħal pagi ta' kwalunkwe impjegat ieħor ma kienx ikun hemm skop li jħalli *in vigore* l-artikolu 38(1)(a) (allura 382(1)(a) meta introduċa l-emendi ta' l-Att XXI ta' l-1969 imma kif ikkanċella l-inċiż (d) ta' l-artikolu 381 (allura 382) kien jikkanċella l-inċiż (a) ta' l-imsemmi artikolu 381 (allura 382). Il-fatt li l-leġislatur ħalla *in vigore* l-inċiż (a) ta' l-artikolu 381 (allura 382) juri li hu ried li persuni fis-servizz ċivili jew militari tal-Gvern ta' Malta jkunu (kif kienu qabel) irregolati minn dak l-inċiż u li ma riedx li dawn il-persuni jaqgħu taħt id-disposizzjoni ġenerali ta' l-artikolu 382 (allura 382A) fuq imsemmi;

Isegwi għalhekk li ma setax jinħareġ mandat ta' sekwestru fuq is-salarju ta' l-attur odjern li mhux ikkontestat huwa persuna fis-servizz ċivili. Il-konvenuta appellanti qiegħda tissottometti li l-mandat ta' sekwestru sar b'mod ġenerali u jolqot affarijiet oħra. Dan però mhux preċiż kif jidher mill-atti ta' l-istess mandat għaliex il-mandat li ġie pprezentat a bażi ta' l-artikolu 382 ġiet mitlub mill-konvenuta odjerna li jinħareġ fuq l-eċċess tal-paga ta' l-attur odjern fuq is-somma ta' Lm100 fix-xahar u kwindi din kienet it-talba li ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż kollha ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenuta appellanti.